MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tal-11 ta' April, 2013

Rikors Numru. 1228/2012

**Anthony Mamo**
**(karta ta’ l-identita` numru 383957 (M))**

**vs**

**Lucy Portelli**
**(karta ta’ l-identita` numru 222558 (M))**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta’ Lucy Portelli datat l-10 ta’ Dicembru, 2012, li permezz tieghu sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi l-intimat odjern Anthony Mamo, hareg il-mandat kawtelatorju fuq indikat li jgib in-numru 1628/12 fil-konfront tar-rikorrenti odjerna Lucy Portelli;

2. Illi l-imsemmi mandat kawtelatorju m’ghandux jinzamm fis-sehh sintetikament peress:

i. Illi l-qorti odjerna mhix kompetenti tiehu konjizzjoni tal-mandat stante li jirrigwarda manteniment u allura, kellu jigi indirizzat f'sede appozita;

ii. Illi sal-lum, l-intimat odjern, ghandu ma pprezentax il-kawza kif tenut;

iii. Illi l-mandat *de quo* hu wiehed kapriccuz u vessatorju;

iv. Illi l-ammont pretiz mill-intimat fil-mandat tieghu fuq riferit hu wiehed eccessiv;

3. Illi in vista tal-premess, ir-rikorrenti odjerna titlob li din il-qorti:

i. Tordna r-revoka *in parte* jew *in toto* tal-imsemmi mandat;

ii. Tikkundanna lill-intimat sekwestrant ihallas penali ta' mhux anqas minn elf, mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu, (€1,164.69), u mhux izjed minn sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax –il centezmu, (€6,988.12), stante li m'ghamilx il-kawza kif stabbilit fil-ligi;

iii. Illi in difett ta' l-ewwel zewg talbiet fuq riferiti, tapplika d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lill-intimat odjern biex fi zmien qasir u perentorju prefiss, jaghti garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u t'imghax, u fin-nuqqas li tinghata garanzija fit-terminu ordnat;

iv. Bl-ispejjez kontra l-intimat;

Rat il-verbal datat l-14 ta' Marzu, 2013, li permezz tieghu, jirrizulta li ghalkemm notifikat, l-intimat baqa' ma ntavola l-ebda risposta u jinsab fi stat ta' kontumacja;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-abbli rapprezentant tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

Illi a bazi tal-mandat kawtelatorju in dizamina jirrizulta sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-intimat Anthony Mamo kien effettivament hareg il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju in dizamina kontra r-rikorrenti Lucy Portelli ghall-finijiet tal-manteniment;

2. Illi ma jirrizultax li in segwitu ghall-istess ghadda biex jintavola l-kawza skont il-ligi;

3. Illi *di piu`*, il-mandat *de quo* nhareg fil-Prim’Awla tal-qorti Civili u mhux fil-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) kif dovut;

4. Illi ghalkemm debitament notifikat bil-procedura odjerna jirrizulta li ma ha l-ebda nteress fir-rigward;

Ikkunsidrat:

Illi stante l-kontumacja tal-intimat Mamo u n-nuqqas t’interess minnu muri f’din il-procedura u fuq sottolineat, din il-qorti m’ghandhiex alternattiva hlief li tistrieh fuq ir-rizultanzi processwali fuq riferiti li bl-ebda mod ghalhekk, ma gew kontradetti;

Ikkunsidrat:

Illi pero` ghal dak li jirrigwarda t-talba ghall-penali ghandu jinghad li ghalkemm il-mandat *de quo* ma giex rafforzat mill-kawza skont il-ligi, ghandu jinghad li ma thossx li gie ntavolat b’mod frivolu u vessatorju;

Illi fir-rigward jirrizulta *prima facie* li l-intimat odjern seta’ kien biss kapriccuz fl-istadju sussegwenti meta

nonostante l-mandat minnu pprezentat ghazel li ma jipperseverax u jimxi t-triq kollha sal-ahhar;

Illi ghal dan in-nuqqas jista’ ovvjament ikun hemm diversi ragunijiet – anke validi – li incidew fuq l-operat tal-intimat, li din il-qorti hi propensa tivvaluta pozittivament;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti takkolji t-talbiet tar-rikorrenti Portelli limitatament bil-mod segwenti:

1. Illi tordna r-revoka tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju fuq riferit li jgib in-numru 1628/12 fl-ismijiet premessi, u dan a tenur tal-artikolu 836 (1) (a) (d) u (f) tal-Kap 12 fuq gia` riferit;

2. Illi tirrespingi t-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti Portelli;

3. Bl-ispejjez kontra l-intimat odjern Anthony Mamo.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------